4. ***Dokumenti maħruġin lill-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja***

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja introduċa protezzjoni temporanja fir-Repubblika tal-Kroazja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u Temporanja (il-Gazzetta Uffiċjali Nri 70/15 u 127/17) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-UE tal-4 ta' Marzu 2022.

— → **"Iskaznica stranca pod privremenom zaštitom"- "Karta tal-identità ta' barrani taħt protezzjoni temporanja"** tinkiteb fuq il-faċċata tal-karta.

Il-Karta tal-identità ta' barrani taħt protezzjoni temporanja hija bilingwi bil-Kroat u bl-Ingliż (*6 paġni f'forma mitwija fi tlieta*)

5. ***Karti tal-identità speċjali maħruġa mill-Protokoll Diplomatiku tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej***

— Tip "A" - persunal diplomatiku (aħmar)

Maħruġ lill-kap u l-membri ta' kull missjoni diplomatika u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena) li jkollhom status diplomatiku.

— Tip "B" - Il-persunal tal-UE u tal-organizzazzjoni internazzjonali (aħdar)

Maħruġ lill-persunal tal-UE u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena) li jkollhom status diplomatiku.

— Tip "C" - uffiċjal konsulari (blu)

Maħruġ lill-membri tal-persunal konsulari u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena).

— Tip "D" - persunal amministrattiv u tekniku (blu ċar).

Maħruġ lill-membri tal-persunal tal-missjonijiet diplomatiċi u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena) li jkollhom passaporti tas-servizz.

— Tip "E" - persunal tas-servizz (aħmar fil-vjola)

Maħruġ lill-membri tal-persunal tas-servizz tal-missjonijiet diplomatiċi u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena).

— Tip "F" - uffiċjal konsulari onorarju (isfar)

Maħruġa lill-konsli onorarji.

— Tip "G" - esperti speċjali (oranġjo)

Maħruġ lill-esperti speċjali u l-membri tal-familja tagħhom, abbażi tan-notifika tal-missjoni fir-Repubblika tal-Kroazja, u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali li jorbtu lir-Repubblika tal-Kroazja.

— Tip "H" - servizz privat (vjola)

Maħruġ lill-membri tal-unità domestika konġunta u lill-membru tas-servizz privat tal-missjonijiet diplomatiċi.

— Tip "I" - kapijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali - ċittadini Kroati (kannella)

Maħruġ liċ-ċittadini Kroati li jkunu kapijiet jew viċi kapijiet tal-UE u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali

IL-GREĊJA

Sostituzzjoni tal-lista ppubblikata fil-ĠU C 274, 3.8.2023, p. 6.

1. ***Permessi ta' residenza maħruġa skont il-format uniformi għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (Ir-Regolament (KE) Nru 1030/2002, kif emendat***

— Άδεια διαμονής (ομογενών εξ Αλβανίας και των μελών των οικογενειών τους)

(Permess ta' residenza: Dan jingħata lil ċittadini Albaniżi ta' dixxendenza Griega u lill-membri tal-familji tagħhom (tfal minuri, konjuġi u tfal minuri minn żwieġ preċedenti, sakemm il-konjuġi jkollu r-responsabbiltà ta' ġenitur tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità). Dan huwa validu sa għaxar (10) snin.

— Άδεια διαμονής (ομογενών εκ Τουρκίας και των μελών των οικογενειών τους)

(Permess ta' residenza – Dan jingħata lil ċittadini Torok ta' dixxendenza Griega u lil membri tal-familji tagħhom (tfal minuri, konjuġi u tfal minuri minn żwieġ preċedenti, sakemm il-konjuġi jkollu r-responsabbiltà ta' ġenitur tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità). Dan huwa validu sa għaxar (10) snin).

NB: Mis-06 ta' Novembru 2020, il-permessi ta' residenza kollha għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, kienu fil-format tar-Regolament (UE) 2017/1954. Il-permessi ta' residenza f'format antik huma fiċ-ċirkolazzjoni sad-data ta' skadenza.

2. ***Id-dokumenti l-oħrajn kollha maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'valur ekwivalenti għal permess ta' residenza***

— Δελτίο Διαμονής Μέλους Οικογένειας Πολίτη της Ένωσης

(Karta ta' residenza ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE – tinħareġ liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li jkunu membri tal-familja ta' ċittadin Grieg jew ċittadin tal-Unjoni Ewropea u lill-ġenituri ta' tfal taħt l-età)

— Διαμονής Μόνιμης Διαμονής Μέλους Οικογένειας Πολίτη της Ένωσης

(Permess ta' residenza permanenti ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE – maħruġ liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadin Grieg jew ċittadin tal-Unjoni Ewropea u lill-ġenituri ta' tfal taħt l-età)

— Άδεια παραμονής αλλοδαπού (βιβλιάριο χρώματος λευκού)

(Permess ta' residenza tal-barranin (ktejjeb abjad) – maħruġ lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali – refuġjati b'validità sa ħames snin)

— Ειδικό Δελτίο Ταυτότητας Ομογενούς (εξ Αλβανίας) (χρώμα ροζ)

(Karta tal-identità speċjali għal barranin ta' dixxendenza Griega (roża) – maħruġa lil ċittadini Albaniżi ta' dixxendenza Griega u lill-membri tal-familja tagħhom (tfal minuri, konjuġi u tfal minuri minn żwieġ preċedenti, sakemm il-konjuġi jkollu r-responsabbiltà ta' ġenitur tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità). Din hija valida indefinittivament.

— Ειδικό Δελτίο Ταυτότητας Ομογενούς (εκ Τουρκίας)(χρώμα ροζ)

(Karta tal-identità speċjali għal barranin ta' dixxendenza Griega (roża) – maħruġa lil ċittadini Torok ta' dixxendenza Griega u lill-membri tal-familja tagħhom (tfal minuri, konjuġi u tfal minuri minn żwieġ preċedenti, sakemm il-konjuġi jkollu r-responsabbiltà ta' ġenitur tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità. Din hija valida indefinittivament.)

— Ειδικό Δελτίο Ταυτότητας Ομογενούς (από χώρες της τ. ΕΣΣΔ και τα τέκνα τους) (χρώμα ροζ)

(Karta tal-identità speċjali għall-barranin ta' dixxendenza Griega (roża) – maħruġa lill-barranin ta' dixxendenza Griega minn dik li kienet l-Unjoni Sovjetika u t-tfal minuri tagħhom. Din hija valida indefinittivament)

— Ειδικές Ταυτότητες της Διεύθυνσης Εθιμοτυπίας του Υπουργείου Εξωτερικών

(Karti tal-identità speċjali maħruġa mid-Direttorat għall-Protokoll tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin)

— Format "D" (persunal diplomatiku) (aħmar)

Dan id-dokument jinħareġ lill-kap u l-membri ta' kull missjoni diplomatika u lill-membri tal-familji tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena) li jkollhom passaporti diplomatiċi.

— Format "A" (persunal amministrattiv u tekniku) (oranġjo).

Dan id-dokument jinħareġ lill-membri tal-persunal ta' missjonijiet diplomatiċi u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena) li jkollhom passaporti ta' servizz.

— Format "S" (persunal ta' servizz) (aħdar)

Dan id-dokument jinħareġ lill-membri tal-persunal tas-servizz tal-missjonijiet diplomatiċi u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena).

— Format “CC” (uffiċjal konsulari) (blu)

Dan id-dokument jinħareġ lill-membri tal-persunal konsulari u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena).

— Format “CE” (impjegat konsulari) (blu ċar/ċelesti)

Dan id-dokument jinħareġ lill-membri tal-persunal amministrattiv tal-awtoritajiet konsulari u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena).

— Format “CH” (uffiċjal konsulari onorarju) (griż)

Dan id-dokument jinħareġ lill-konsli onorarji.

— Format “IO” (organizzazzjoni internazzjonali) (vjola skur)

Dan id-dokument jinħareġ lill-persunal ta’ organizzazzjoniiet internazzjonali u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena) li jgawdu status diplomatiku.

— Format “IO” (organizzazzjoni internazzjonali) (vjola ċar)

Dan id-dokument jinħareġ lill-membri tal-persunal amministrattiv ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi u t-tfal sa tmintax-il sena)

3. ***Dokumenti provviżorji/temporanji għall-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ***

— Βεβαίωση (κατάθεσης δικαιολογητικών).

(Ċertifikat tas-sottomissjoni ta’ dokumenti ta’ sostenn – Dan iċ-ċertifikat jingħata liċ-ċittadini tar-Renju Unit u lill-membri tal-familja tagħhom, ukoll ċittadini tar-Renju Unit, li huma benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Ministerjali Konġunta Nru 4000/1/113-α΄/ 14-10-2020 (leġiżlazzjoni Griega). Dan jingħata wara li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet approvata u turi li jkunu ppreżentaw id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-ħruġ tal-permess ta’ residenza skont l-Artikolu 18 il-paragrafu 4 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dan jintuża għall-perjodu li fih il-benefiċjarju tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistenna l-istampar u l-ħruġ tal-permess ta’ residenza u jinżamm mill-awtorità kompetenti mal-għoti u l-wasla tal-permess ta’ residenza.)

— Ειδική Βεβαίωση Νόμιμης Διαμονής της υπ’αριθ. 4000/1/113-α’ Κ.Υ.Α. (ΥΠΟΔΕΙΓΜΑ ΚΑ-158).

(Ċertifikat Speċjali ta’ Residenza Legali tad-Deċiżjoni Ministerjali Konġunta Nru 4000/1/113-α’. Dan iċ-ċertifikat jingħata liċ-ċittadini tar-Renju Unit u lill-membri tal-familja tagħhom, ċittadini tar-Renju Unit wkoll, li l-applikazzjoni tagħhom għall-ħruġ tal-permess ta’ residenza skont l-artikolu 18 (4) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tkun ġiet miċħuda u jkunu appellaw kontra din id-deċiżjoni. Id-detenturi ta’ dan iċ-ċertifikat jagħtu prova li huma jgawdu mid-drittijiet taċ-ċittadini tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, għall-perjodu sakemm tingħata sentenza finali kontra kwalunkwe rifjut ta’ tali applikazzjoni. Huwa validu għal sena. Dan iċ-ċertifikat jinżamm mill-awtorità kompetenti wara l-eżami u s-sentenza finali dwar l-appell.

4. ***Permess ta’ Residenza ta’ Protezzjoni Temporanja lill-Benefiċjarji ta’ Protezzjoni Temporanja:***

— Άδεια Παραμονής “Προσωρινή Προστασία”/ “Temporary Protection”.

(Permess ta’ Residenza Temporanju huwa maħruġ lil benefiċjarji ta’ protezzjoni temporanja abbażi tal-qafas leġiżlattiv li jikkonċerna l-konformità mad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja u d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382 tal-4 ta’ Marzu 2022 f’konformità mal-Artikolu 32 (jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE, id-Digriet Presidenzjali 80/2006 (G.G. A’ 82), il-Kodiċi Legali tal-Akkoljenza, il-Protezzjoni Internazzjonali u l-Protezzjoni Temporanja. Il-Liġi nru 4939/2022 (G.G. A’ 111) u d-Deċiżjonijiet Ministerjali Nru. 31035/04.03.2022 u Nru. 172172/28.03.2022). Dan jinħareġ għall-kategoriji ta’ persuni li ġejjin:

a) ċittadini Ukreni residenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta’ Frar 2022,

b) persuni apolidi jew ċittadini ta' pajjiż terz ieħor, minbarra l-Ukrajna, li kienu legalment residenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022 bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jew ta' protezzjoni nazzjonali ekwivalenti, u

c) il-membri tal-familja tal-persuni msemmija fil-każijiet ta' hawn fuq. Barra minn hekk, skont id-deċiżjoni, il-persuni li ġejjin għandhom jitqiesu bħala parti mill-familja, jekk il-familja kienet diġà teżisti u kienet residenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022:

a) il-konjuġi ta' persuna li taqa' taħt il-punti a) jew b) jew il-persuna li magħha tikkoabita, f'unjoni ħielsa fi ħdan il-qafas ta' relazzjoni stabbli ppruvata kif xieraq,

b) it-tfal minuri mhux miżżewġa ta' persuna li taqa' taħt il-punti a) jew b) jew it-tfal tal-konjuġi tagħha, mingħajr distinzjoni, dwar jekk twildux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew jekk ġewx adottati;

c) qraba stretti oħra li kienu jgħixu flimkien bħala parti mill-unità tal-familja fiż-żmien taċ-ċirkostanzi relatati mal-influss bil-massa u li f'dak iż-żmien kienu kompletament jew prinċipalment dipendenti fuq persuna msemmija fil-punti a) jew b).

Abbażi tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 81645/08.02.2023, dwar l-estensjoni tal-validità tal-istatus ta' protezzjoni temporanja għal persuni spostati mill-Ukrajna, il-validità tal-Permessi ta' Residenza għal Protezzjoni Temporanja li jiskadu sal-4 ta' Marzu 2023 huma estiżi awtomatikament għal perjodu addizzjonali ta' sitt (6) xhur, jiġifieri, sal-4 ta' Settembru 2023. Jekk matul il-perjodu msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni Ewropea ma tiddeċidix li ttemm il-protezzjoni temporanja bħala status ta' residenza, il-validità tal-Permessi ta' Residenza għal Protezzjoni Temporanja tiġi estiża awtomatikament għal sitt (6) xhur addizzjonali, jiġifieri, sal-4 ta' Marzu 2024.

Abbażi tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 392634/20.08.2023, dwar l-estensjoni tal-validità tal-istatus ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, il-validità tal-Permessi ta' Residenza ta' Protezzjoni Temporanja li jiskadu sal-4 ta' Marzu 2023 u sal-4 ta' Settembru 2023 hija awtomatikament estiża sal-4 ta' Marzu 2024.

MALTA

Sostituzzjoni tal-lista ppubblikata fil-ĠU C 126, 12.4.2021, p. 1.

— **Karti ta' residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE**

Karti ta' residenza maħruġa lil membri tal-familja li huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' ċittadini taż-ŻEE li qegħdin jeżerċitaw Dritt tat-Trattat f'Malta b'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, jinħarġilhom dokument fil-forma ta' karta tal-plastik, li jkollha l-istess karatteristiċi tal-format stipulat fir-Regolament 2002/1030. It-titolu tad-dokument imsemmi, li huwa bl-Ingliż, huwa "Dokument ta' Residenza" u l-ispazju riservat għal *Tip ta' Permess* jitħalla vojt. It-test li ġej jidher fl-ispazju riżervat għall-*Kummenti:* "Karta ta' Residenza ta' Membru tal-Familja ta' Ċittadin tal-Unjoni — (Art. 10 — Dir. 2004/38)". Jekk il-persuna tkun kisbet residenza permanenti, il-kumment ikun "Karta ta' Residenza ta' Membru tal-Familja ta' Ċittadin tal-Unjoni – (Art. 20 – Dir. 2004/38)".

— **Ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE lil ċittadini tar-Renju Unit u karti ta' residenza lill-membri tal-familja tagħhom, li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi qabel l-1 ta' Frar 2020**

Id-dokument taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jinħareġ f'format ta' karta tal-plastik bil-lingwa Ingliża. It-titolu huwa "Dokumentazzjoni ta' Residenza". Il-kamp Tip ta' Permess jitħalla vojta. Il-kamp tal-Kummenti jinkludi t-test li ġej "Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni (l-Artikolu 8 – Dir. 2004/38). Jekk il-persuna tkun kisbet residenza permanenti, ir-referenza fil-kumment tkun għall-Artikolu 19 u mhux għall-Artikolu 8 tad-Dir. 2004/38.

Il-karti ta' residenza maħruġa lill-membri tal-familja, li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' ċittadini tar-Renju Unit huma fil-format tad-dokumenti ta' residenza msemmija hawn fuq maħruġa skont l-Artikoli 10 u 20 tad-Direttiva 2004/38.

— **Permessi ta' residenza maħruġa lill-benefiċjarji abbażi tal-Artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit**

Permess ta' residenza fil-format stabbilit bir-Regolament 1030/2002 u emendi relattivi jinħareġ lil tali benefiċjarji. Fil-kamp "Tip ta' permess" it-test bil-lingwa Maltija huwa kif ġej: L-Artikolu 50 – TUE. It-test li ġej jidher fil-kamp "Kummenti": l-Artikolu 18(1) tal-Ftehim. Jekk il-persuna tkun eliġibbli għal residenza permanenti, il-kamp tal-Kummenti jkun fih ukoll il-kelma "Permanenti".

— **Dokument li jiċċertifika l-applikazzjoni għal dokument ta' residenza skont l-Artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit**

Il-persuni li huma eliġibbli biex japplikaw għad-dokument imsemmi hawn fuq meta japplikaw jinħarġilhom dokument stampat li jkun fih ir-ritratt tagħhom intitolat "Irċevuta ta' Applikazzjoni għar-Residenza f'Malta" u jindika l-għan tal-applikazzjoni msemmija. Dan jawtorizza lid-detentur biex jirrisjedi f'Malta skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim qabel ma jingħata d-dokument ta' residenza kif previst fl-Artikolu 18(1) tal-Ftehim.

— **Permessi*ta' residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi oħra***

Il-permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi (għajr skont id-Direttiva 2004/38/KE) jinħarġu f'format uniformi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Fl-ispazju vojt ipprovdut fuq kull dokument għat-"Tip ta' Permess" qegħdin jintużaw il-kategoriji li ġejjin:

— Xogħol (Employment purposes)

— Benestant (Economically self-sufficient)

— Adozzjoni (Adoption)

— Raġunijiet ta' Saħħa (Health purposes)

— Reliġjuż (Religious purposes)

— Skema - Residenza Permanenti (Permanent Residence Scheme)

— Sieħeb/Sieħba (Partner)

— Karta Blu tal-UE (Blue Card)

— Temporanju (Temporary)

— Persuna Eżenti - Membru tal-Familja (Family member of a Maltese national)

— Resident fit-Tul - BCE (Long term resident)

— Protezzjoni Intemazzjonali (International Protection)

— Membru tal-Familja (Family Member of a third country national)

— Studju (Study)

— Raġunijiet Umanitarji (Humanitarian Reasons)

— **Dokumenti oħrajn maħruġa lil ċittadini ta' pajjiż terz ekwivalenti għall-permessi ta' residenza**

— Karti tal-identità diplomatiċi maħruġa lil membri tal-persunal diplomatiku, membri tal-persunal amministrattiv u tekniku ta' missjonijiet diplomatiċi akkreditati għal Malta kif ukoll lill-konjuġi tagħhom u tfal mhux miżżewġa sa 21 sena li għadhom jagħmlu parti mill-entitajiet domestiċi rispettivi tagħhom, kif ukoll karti maħruġa lill-Kap ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali approvati mill-Gvern.

— Karti tal-identità speċjali maħruġa lil uffiċjali u membri ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali approvati mill-Gvern, kif ukoll lill-konjuġi tagħhom u tfal mhux miżżewġa sa 21 sena li għadhom jagħmlu parti mill-entitajiet domestiċi rispettivi tagħhom.

— Karti tal-identità speċjali maħruġa lill-persunal domestiku privat ta' persunal li jaħdem f'missjonijiet diplomatiċi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali kif approvati mill-Gvern.

IL-PORTUGALL

Sostituzzjoni tal-lista ppubblikata fil-ĠU C 72, 28.2.2023, p. 44.

1. **Permessi ta' residenza maħruġa skont format uniformi stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002**

TÍTULO DE RESIDÊNCIA

Jagħti l-istatus ta' residenti fil-Portugall liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi

Temporanju - validu għal sentejn mid-data tal-ħruġ u jista' jiġġedded għal perjodi suċċessivi ta' tliet snin

Permanenti - validu indefinittivament; irid jiġġedded kull ħames snin jew kull meta jkun hemm bidla fid-dettalji tal-identità tad-detentur

Refuġjat - validu għal perjodu ta' ħames snin

Raġunijiet umanitarji - validu għal perjodu ta' tliet snin

Il-permessi ta' residenza elettroniċi nħarġu fil-kuntest ta' proġett pilota mit-22 ta' Diċembru 2008 sat-3 ta' Frar 2009; minn dik id-data d-dokument beda jintuża għalkollox fuq livell nazzjonali.

2. **Karti ta' residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38 (mhux f'format uniformi)**

CARTÃO DE RESIDÊNCIA PERMANENTE Familiar de Cidadão da União Europeia,

Nacional de Estado Terceiro

Dokument maħruġ lil membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jkunu legalment residenti flimkien maċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea fil-Portugall għal perjodu ta' ħames snin konsekuttivi

Maħruġ wara li persuna jkollha Cartão de Residência para Familiar de Cidadão da União Europeia, Nacional de Estado Terceiro (= karta ta' residenza għal membru tal-familja li hu ċittadin minn pajjiż terz ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea) (validu għal ħames snin)

Validità Massima – 10 snin

Maħruġ mit-03.09.2017

CARTÃO DE RESIDÊNCIA Familiar de Cidadão da União Europeia, Nacional de Estado Terceiro

Dokument maħruġ lil membri tal-familja minn pajjiżi terzi ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea li qed joqogħdu fil-Portugall għal aktar minn tliet xhur

Maħruġ lil membri tal-familja minn pajjiż terz ta' ċittadin Portugiż

Validità Massima - 5 snin

Maħruġ lill-membri tal-familja ta' ċittadin ta' pajjiż tal-Unjoni Ewropea li mhux il-Portugall, b'data ta' skadenza identika għal dik taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni fil-pussess tal-membru tal-familja inkwistjoni.

Validità Massima - 5 snin

Maħruġ lil membri tal-familja ta' ċittadin ta' pajjiż tal-Unjoni Ewropea li mhux il-Portugall li għandhom "Cartão de Residência Permanente de Cidadão da União Europeia" (karta ta' residenza permanenti għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea)

Validità Massima - 5 snin

Maħruġ mit-03.09.2017

CERTIFICADO DE RESIDÊNCIA PERMANENTE CIDADÃO DA UNIÃO EUROPEIA

Dokument maħruġ lil ċittadini tal-Unjoni Ewropea li ilhom residenti legalment fil-Portugall għal aktar minn ħames snin

Validità Massima – 10 snin

Maħruġ mid-09.01.2019

TITULOS DE RESIDÊNCIA ESPECIAIS EMITIDOS PELO MINISTÉRIO DOS NEGÓCIOS ESTRANGEIROS

(Permess ta' residenza speċjali maħruġ mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin) (Ara l-Anness 20)

DOKUMENTI OĦRA MAĦRUĠA LIL ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI LI GĦANDHOM VALUR EKWIVALENTI GĦAL PERMESS TA' RESIDENZA

Certificado DE Pedido DE título DE RESIDto NCIA — Artigo 50.° do TUE

(Ċertifikat ta' applikazzjoni għal permess ta' residenza — Artikolu 50 TUE)

Dan iċ-ċertifikat jinħareġ liċ-ċittadini tar-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ li applikaw għal permess ta' residenza u huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Mingħajr data tal-iskadenza

Maħruġ mill-01.11.2020

CERTIFICADO DE CONCESSÃO DE AUTORIZAÇÃO DE RESIDÊNCIA AO ABRIGO DO REGIME DE PROTEÇÃO TEMPORÁRIA

Ċertifikat li jinħareġ lill-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja - b'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 247, 13.10.2006, p. 1.
ĠU C 77, 5.4.2007, p. 11.
ĠU C 153, 6.7.2007, p. 1.
ĠU C 164, 18.7.2007, p. 45.
ĠU C 192, 18.8.2007, p. 11.
ĠU C 271, 14.11.2007, p. 14.
ĠU C 57, 1.3.2008, p. 31.
ĠU C 134, 31.5.2008, p. 14.
ĠU C 207, 14.8.2008, p. 12.
ĠU C 331, 31.12.2008, p. 13.
ĠU C 3, 8.1.2009, p. 5.
ĠU C 64, 19.3.2009, p. 15.
ĠU C 198, 22.8.2009, p. 9.
ĠU C 239, 6.10.2009, p. 2.
ĠU C 298, 8.12.2009, p.15.
ĠU C 308, 18.12.2009, p. 20.
ĠU C 35, 12.2.2010, p. 5.
ĠU C 82, 30.3.2010, p. 26.
ĠU C 103, 22.4.2010, p. 8.
ĠU C 108, 7.4.2011, p. 7.
ĠU C 157, 27.5.2011, p. 5.
ĠU C 201, 8.7.2011, p. 1.
ĠU C 216, 22.7.2011, p. 26.
ĠU C 283, 27.9.2011, p. 7.
ĠU C 199, 7.7.2012, p. 5.
ĠU C 214, 20.7.2012, p. 7.
ĠU C 298, 4.10.2012, p. 4.
ĠU C 51, 22.2.2013, p. 6.
ĠU C 75, 14.3.2013, p. 8.
ĠU C 77, 15.3.2014, p. 4.
ĠU C 118, 17.4.2014, p. 9.
ĠU C 200, 28.6.2014, p. 59.
ĠU C 304, 9.9.2014, p. 3.
ĠU C 390, 5.11.2014, p. 12.
ĠU C 210, 26.6.2015, p. 5.
ĠU C 286, 29.8.2015, p. 3.
ĠU C 151, 28.4.2016, p. 4.
ĠU C 16, 18.1.2017, p. 5.

ĠU C 69, 4.3.2017, p. 6.
ĠU C 94, 25.3.2017, p. 3.
ĠU C 297, 8.9.2017, p. 3.
ĠU C 343, 13.10.2017, p. 12.
ĠU C 100, 16.3.2018, p. 25.
ĠU C 144, 25.4.2018, p. 8.
ĠU C 173, 22.5.2018, p. 6.
ĠU C 222, 26.6.2018, p. 12.
ĠU C 248, 16.7.2018, p. 4.
ĠU C 269, 31.7.2018, p. 27.
ĠU C 345, 27.9.2018. p. 5.
ĠU C 27, 22.01.2019. p. 8.
ĠU C 31, 25.1.2019, p. 5.
ĠU C 34, 28.1.2019, p. 4.
ĠU C 46, 5.2.2019, p. 5.
ĠU C 330, 6.10.2020, p. 5.
ĠU C 126, 12.4.2021, p. 1.
ĠU C 140, 21.4.2021, p. 2.
ĠU C 150, 28.4.2021, p. 5.
ĠU C 365, 10.9.2021, p. 3.
ĠU C 491, 7.12.2021, p. 5.
ĠU C 509, 17.12.2021, p. 10.
ĠU C 63, 7.2.2022, p. 6.
ĠU C 272, 15.7.2022, p 4.
ĠU C 304, 9.8.2022, p 5.
ĠU C 393, 13.10.2022, p. 10.
ĠU C 72, 28.2.2023, p. 44.
ĠU C 274, 3.8.2023, p. 6.